**– CONFESSIO EST REGINA PROBATIONUM –**
**– PROBATIO PROBATISSIMA –**
**– CONFESSIO FACTA IN JUDICIO OMNI PROBATIONE MAJOR EST –**

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 21 ta' Novembru, 2018**

Avviz tat-Talba numru: **351/2018**

**GO P.L.C**
[REG. NRU. C-22334]

***VERSUS***

**BELLIZZI DANIELA**
[K.I. NRU. 579789M]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar is-27 ta' Lulju, 2018 mill-attrici li permezz tieghu talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallasha l-ammont ta' seba' mija, sitta u tletin ewro u wiehed u sebghin ewro centezmi (€736.71c) rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellulari bil-kont numru 40252462, hekk kif ahjar deskritt fl-istess Avviz tat-Talba. L-attrici talbet ukoll l-ispejjez tal-proceduri gudizzjarji odjerni, ta' ohrajn accessorji ghalihom (ittra ufficjali bin-numru 423/2016) u kif ukoll l-imghaxxijiet legali mill-21 ta' Marzu, 2016 (ara *tergo* ta' *fol*. 5).

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan. Madanakollu dehret il-konvenuta Daniela Belizzi personalment fl-ewwel udjenza quddiem dan it-Tribunal fejn formalment irregistrat ammissjoni tat-talba attrici.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti processwali kollha;

Jikkunsidra;

Fl-ewwel udjenza quddiem dan it-Tribunal, dik ta’ nhar it-Tlieta, 23 ta’ Ottubru, 2018, il-konvenuta dehret quddiem dan it-Tribunal mhux assistita u – wara li t-Tribunal spjegalha ghal diversi drabi l-jeddijiet procedurali taghha dwar kontestazzjoni tal-kawza u anke dwar il-jedd taghha li tikkonsulta avukat dwar il-kwistjoni – irregistrat ammissjoni inkundizzjonata tat-talba attrici. Fil-verbal relattiv hemm registrat hekk: “*It-Tribunal spjega lill-Konvenuta d-drittijiet taghha procedurali f'dawn il-proceduri, ossija li ghandha l-jedd li tkun assistita minn Avukat u kif ukoll, jekk hekk necessarju, li tikkontesta l-kawza migjuba kontriha, izda l-Konvenuta Daniela Bellizzi stqarret mat-Tribunal illi ma hix behsibha tikkontesta l-kawza, anzi hi qed tammetti li hemm dovut da parti taghha l-ammont ta' EUR736.71 lis-Socjeta' Attrici u li hi intenzjonata thallashom, purche' f'rati mensili. It-Tribunal spjega lill-Konvenuta illi l-ammissjoni registrata seduta stante minnha stess tattira ukoll ir-responsabilita' u l-obbligu li jigu ukoll saldati l-imghaxijiet li lahqu ghaddew u kif ukoll l-ispejjes gudizzjarji tal-prezenti proceduri. It-Tribunal spjega ukoll lill-Konvenuta illi hu ser jghaddi ghas-sentenza a bazi tal-ammissjoni taghha registrata fl-udjenza tal-llum.*” (ara *a fol*. 13). Dakinhar il-procediment thalla ghas-sentenza ghall-udjenza tal-lum.

It-Tribunal ezamina l-provi dokumentarji mressqa u ra l-atti kollha tal-proceduri;

It-Tribunal jikkunsidra;

In vista ta’ l-ammissjoni tal-konvenuta, registrata formalment fl-udjenza tat-23 ta’ Ottubru, 2018, dan it-Tribunal m’ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara lill-istess konvenuta bhala debitrici tal-kumpannija attrici u, bhala korollarju naturali, li l-konvenuta hi tenuta thallas lill-istess attrici l-ammont mitlub ta’ seba’ mija, sitta u tletin ewro u wiehed u sebghin ewro centezmi (€736.71c). Tali ammissjoni saret bla ebda kundizzjoni u, allura, tattira wkoll l-obbligu fuq il-konvenuta li tindennizza lill-kumpannija attrici l-ispejjez gudizzjarji ta’ dawn il-proceduri, inkluz dawk accessorji ghalihom (i.e., ittra ufficjali nru. 423/2016) u kif ukoll il-hlas ta’ l-interessi fuq l-ammont ta’ sorte kif domandat (i.e., mill-21 ta’ Marzu, 2016 li hi d-data tan-notifika lilha ta’ ittra gudizzjarja interpellatorja – ara *a fol*. 5 u notifika relattiva murija *a tergo*).

Hu principju antik illi “confessio est regina probationum”[1], cioè li l-ammissjoni hija l-aqwa forma t’evidenza li parti tista’ tressaq (“probatio probatissima”[2]).

---

[1] Dwar dan il-principju ara, *inter alia*, **Carmelo Bonnici noe v. Ronald Farrugia et** (Appell Superjuri, 26 ta’ Ottubru, 1970; mhux pubblikata); **Massimo Vella v. V. Petroni (Imports) Ltd** (Appell Inferjuri, 28 ta’ Novembru, 2007); **Galscer & Bilom Ltd v. Anthony Azzopardi** (Appell Inferjuri, 22 ta’ Mejju, 2009); u **APS Bank Ltd v. Francis Xavier Micallef** (Appell Inferjuri, 7 ta’ Lulju, 2010).

[2] Dwar dan ara “Massime, Enunciazioni e Formule Giuridiche Latine” (Hoepli 1993) ta’ **Umberto Albanese**, f’pagna 295. Ara wkoll “Il Latino In Tribunale: Dizionario dei Broccardi e Termini Latini” ta’ **Federico del Giudice** (Simone ed. IV, 2011), f’pagna 260 fejn hemm maghdud, *inter alia*, li, “*Con il termine probatio probatissima si è soliti fare riferimento alla confessione che è il mezzo probatorio per eccellenza*.”

Addizzjonalment, l-ammissjoni (jew konfessjoni) da parti tal-konvenuta f'dan il-kaz ma kinitx wahda li rrizultat minn xi dokument jew minn xi inferenza li wiehed jista' jislet mill-provi migjuba mill-parti attrici, izda kienet wahda sottomessa u moghtija personalment mill-konvenuta, b'mod volontarju u registrata formalment fl-atti ta' dan il-procediment waqt udjenza ta' dan it-Tribunal u wara li gew lilha deskritti u spjegati d-drittijiet processwali taghha. Ghalhekk, hekk kif tghid il-massima Latina, "confessio facta in judicio omni probatione major est",[3] li tfisser illi ammissjoni maghmula fi procediment gudizzjarju (jew formalment waqt xi proceduri ohra ta' indole gudizzjarja jew kwazi-gudizzjarja) ghandha aktar forza u qawwa minn kwalsiasi evidenza ohra. Infatti, nsibu ritenut illi, "*Se resa in giudizio essa vincola il giudice, il quale dovrà ritenere raggiunta la prova in ordine alla veradicità dei fatti ammessi, traendone ogni conseguenza in sede di decisione della causa*."[4]

**GHALDAQSTANT**, it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, ghall-motiv fuq imfisser, jilqa' t-talba attrici kif dedotta u jiddikjara li l-konvenuta hi debitrici tal-kumpannija attrici fl-ammont ta' seba' mija, sitta u tletin ewro u wiehed u sebghin ewro centezmi (€736.71c), bl-imghax fuq tali ammont dekorribbli mid-data tal-21 ta' Marzu, 2016 sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez tal-prezenti proceduri, inkluz dawk marbuta ma' l-ittra ufficjali nru. 423/2016, jkunu a karigu ta' l-istess konvenuta.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*

---

[3] Dwar dan ara "Trayner's Latin Maxims" (Sweet & Maxwell, 4th edition, 1993) pp. 92–93.
[4] Ara "Il Latino In Tribunale: Dizionario dei Broccardi e Termini Latini" ta' **Federico del Giudice** (Simone ed. IV, 2011) pagna 67.